

31995D0233

L 156/76

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

7.7.1995

## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Ġunju 1995

li tfassal listi ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni ta' tjur ħajjin u bajd għat-tfaqqis

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(95/233/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

pajjiż għandu jiġi rivedut f'kull żmien meta tagħrif ieħor, partikolarment meta jkun jirriżulta minn spezzjonijiet fuq il-post, ikun juri li l-kondizzjonijiet fil-pajjiżi terzi konċernati x'aktarx ikunu nbidlu jew li l-informazzjoni li tkun waslet qabel ma kinitx waħda sħiħa, jew kienet inezzata jew mhux korretta;

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE tal-15 ta' Ottubru 1990 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju fi u l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi ta' tjur u bajd tat-tfaqqis<sup>(1)</sup>, kif emendata l-aħħar bl-Att tas-Sħubija ta' l-Awstrija, il-Fillandja u l-Isvezja, u partikolarment l-Artikoli 21 u 26 miġjuba fiha,

Billi ċerti pajjiżi li tradizzjonalment ifornu lill-Istati Membri, ġew mitluba biex juru, permezz ta' assigurazzjonijiet bil-miktub appoġġjati b'dokumenti xierqa jew b'ħala riżultat ta' spezzjonijiet fuq il-post, li dawn jissodisfaw il-kriterji tal-Komunità;

Billi din id-Deċiżjoni tapplika mingħajr preġudizzju għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/342/KEE<sup>(2)</sup>, kif emendata bid-Deċiżjoni 94/438/KE<sup>(3)</sup>, li tistabbilixxi l-kriterji għall-klassifikazzjoni tal-pajjiżi fejn għandhom x'jaqsmu l-influenza tat-tjur u l-marda tan-Newcastle;

Billi f'ċerti każi jista' jkun meħtieġ ukoll li jkunu speċifikati l-partijiet tal-pajjiżi li minnhom l-importazzjonijiet ikunu awtorizzati; billi l-awtorizzazzjoni għall-importazzjoni tista' tiġi ristretta għal ċerti speċi jew kategoriji ta' għasafar;

Billi din il-lista ta' pajjiżi terzi tista', iżda, tkun emendata fi kwalunkwe żmien biex tkun tista' tikkunsidra t-tagħrif ġdid jew is-sitwazzjonijiet ġodda; billi t-tniżżil fil-lista ta' kwalunkwe

Billi, għalkemm il-lista ta' pajjiżi terzi tiffirma l-bażi tad-dispożizzjonijiet tal-Komunità applikabbli għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi stabbiliti fid-Direttiva 90/539/KEE, miżuri oħra, partikolarment dawk li jikkonċernaw il-kondizzjonijiet speċifiċi tas-saħħa tal-annimali, il-pjani ta' residwu u ċ-ċertifikazzjoni, għandhom ikunu kunsidrati biex jinkiseb avvċinar sħiħ tal-kondizzjonijiet għall-importazzjoni ta' tjur ħajjin u bajd għat-tfaqqis;

Billi huwa ġustifikat li tiġi stabbilita lista separata ta' pajjiżi terzi għall-importazzjoni ta' *ratites*, minħabba d-differenzi bijoloġiċi bejn dawn l-għasafar u l-ispeċi l-oħra ta' tjur; billi dawn l-għasafar hemm b'żonn li jgħaddu minn kwarantana wara l-importazzjoni tagħhom;

Billi huwa wkoll meħtieġ li jkunu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 11 tad-Direttiva 90/539/KEE u, għalhekk, li tiġi stabbilita l-lista ta' pajjiżi li, għalkemm jipprovdu garanziji inqas stretti dwar is-saħħa ta' l-annimali, jistgħu jkunu awtorizzati għall-importazzjoni ta' konsenji żgħar taħt kondizzjonijiet simili għal dawk adottati għal għasafar oħra skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE<sup>(4)</sup>;

<sup>(1)</sup> ĠU L 303, ta' l-1.10.1990, p. 6.

<sup>(2)</sup> ĠU L 137, tat-8.6.1993, p. 24.

<sup>(3)</sup> ĠU L 181, tas-17.7.1994, p. 35.

<sup>(4)</sup> ĠU L 268, ta' l-14.9.1992, p. 54.

Billi, matul l-adozzjoni mill-Kummissjoni taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa ta' l-annimali għall-importazzjoni ta' tjur ħajjin u bajd tat-tfaqqis mill-pajjiżi speċifikati f'din il-lista, l-Istati Membri jistgħu jkomplu japplikaw, għall-importazzjoni, il-kriterji tagħhom dwar is-saħħa tal-annimali li bdew iseħħu mill-1 ta' Jannar 1995;

Billi l-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

1. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' tjur ħajjin u bajd għat-tfaqqis skond il-lista tal-Anness I.

Il-lista fl-Anness I ma tapplikax għall-importazzjoni ta' *ratites* jew bajd tat-tfaqqis ta' dawn.

2. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' *ratites* u bajd tat-tfaqqis ta' dawn skond il-lista li hemm fl-Anness II. Il-kondizzjonijiet ta' l-importazzjoni ta' dawn l-għasafar jew tal-bajd għandhom jinkludu kriterju għal kwarantina ta' wara l-importazzjoni.

3. B'deroga mill-paragrafu 1 u matul l-adozzjoni tar-regoli tal-Komunità fuq il-kriterji tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għal dawn l-importazzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' konsenji singoli ta' inqas minn 20 unit ta' tjur ħajjin u bajd tat-tfaqqis skond il-lista msemmija fl-Anness III. Il-kondizzjonijiet ta' l-importazzjoni ta' dawn il-konsenji għandhom jinkludu kriterju għall-iżolament jew kwarantina ta' wara l-importazzjoni.

Id-dispożizzjonijiet ta' l-ewwel sub-paragrafu ma japplikawx għal konsenji ta' *ratites* jew ta' bajd tat-tfaqqis tagħhom.

#### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 1995.

#### Artikolu 3

Dan id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta' Ġunju 1995.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

## L-ANNEX I

**Lista ta' pajjiżi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati jimportaw tjur ħajjin u bajd tat-tfaqqis tagħhom, esklużi r-ratites u l-bajd ta' dawn**

Din il-lista hija waħda fil-prinċipju u l-importazzjonijiet għandhom jaderixxu l-kriterji rilevanti tas-saħħa ta' l-annimali u dik pubblika.

Kodiċi ISO	Pajjiż
AU	L-Awstralja
BR	Il-Brażil
CA	Il-Kanada
CH	L-Isvizzera
CL	Iċ-Ċili
CY	Ċipru
CZ	Ir-Repubblika Ċeka
HR	Il-Kroazja
HU	L-Ungerija
IL	Iżrael
NZ	New Zealand
PL	Il-Polonja
RO	Ir-Rumanija
SI	Is-Slovenja
SK	Ir-Repubblika Slovakka
US	L-Istati Uniti ta' l-Amerika

## L-ANNEX II

**Lista ta' pajjiżi li minnhom l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni ta' ratites ħajjin u l-bajd tat-tfaqqis tagħhom**

Din il-lista hija waħda fil-prinċipju u l-importazzjonijiet għandhom jaderixxu l-kriterji rilevanti tas-saħħa ta' l-annimali u dik pubblika.

Kodiċi ISO	Pajjiż
AU	L-Awstralja
BR	Il-Brażil
BW	Il-Botswana
CA	Il-Kanada
CH	L-Isvizzera
CL	Iċ-Ċili
CY	Ċipru
CZ	Ir-Repubblika Ċeka
HR	Il-Kroazja
HU	L-Ungerija
IL	Israel
NA	In-Namibja
NZ	New Zealand
PL	Il-Polonja
RO	Ir-Rumanija
SI	Is-Slovenja
SK	Ir-Repubblika Slovakka
US	L-Istati Uniti ta' l-Amerika
ZA	L-Afrika t'Isfel
ZB	Iż-Żimbabwe

*L-ANNEX III***Lista ta' pajjiżi li minnhom l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni ta' konsenji żgħar ta' tjur ħajjin u bajd tat-tfaqgis, esklużi r-ratites u l-bajd ta' dawn**

Din il-lista hija waħda fil-prinċipju u l-importazzjonijiet għandhom jaderixxu l-kriterji rilevanti tas-saħħa ta' l-annimali u dik pubblika.

Il-pajjiżi kollha jew partijiet minn dawn li hemm imniżżla fil-Parti I ta' l-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE u li minnhom l-importazzjoni ma ġietx ipprojbata minħabba l-firxa ta' l-influwneza ta' l-għasafar u/jew il-marda tan-Newcastle.

---